QALA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

## IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 31

It-Tlieta 27 ta' Marzu 2018

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresedja l-laqgha.

31.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

31.1.1 Ma kien hemm ebda ittri tal-apologiji.

31.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

31.2.1 Peress li l-minuti tad-disgha u ghoxrin u tat-tletin laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

31.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.

31.3.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

31.3.2 Ittra mibghuta minn Henriette Putzulu Caruana ghal Head Paying Agency mill-Agenzija ghall-Pagamenti Agrikoli u Rurali dwar Measure 313:412/36216/2011 fejn semmiet li wara *site visit* li saret minn ufficjali tal-ARPA nstab li tlett *Infographic Panels* kienu mkissrin u l-*Binocular* kienet nieqsa (din kienet giet irrraportatha misruqa mill-Kunsill). L-ARPA qed titlob lill-Kunsill Lokali sabiex jergghu jigu installati dawn l-affarijiet kif ukoll li l-Kunsill huwa obbligat li jzomm inventarju tal-affarijiet kollha li huma inkluzi f'dan il-progett.

31.3.3 Kopja ta' ittra li l-Avukat Carmelo Galea bghat lill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar l-appell numru 222/16 fuq l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/03798/02.

31.3.4 Ittra mibghuta minn Ian Galea mill-Awtorita` tal-Ippjanar fejn anness inbghat rapport li gie ippreparat mill-Awtorita` dwar appell numru 00222/16 fuq l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/03798/02.

31.3.5 Ittra mibghuta minn Martin Saliba, Simon Micallef Stafrace u Robert Sarsero mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 22 ta' Marzu 2018 dwar appell numru 155/17 MS dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru 7579/16. Anness ma l-ittra ntbghatet kopja ta' ittra li l-Perit Carmel Cacopardo bghat lit-Tribunal fil-15 ta' Marzu 2018 bis-sottomissjoni tal-Kunsill Lokali Qala.

31.3.6 Ittra mibghuta minn David Cassar mill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/01835/18 fejn il-Kunsill gie mistieden jibghat kummenti jew rakkommandazzjonijiet fuq din l-applikazzjoni.

31.3.7 Ittra mibghuta minn Rueben Said Head tat-Transport Malta fl-ufficcju t' Ghawdex dwar *no objection* sabiex isir *reserved parking* quddiem il-bini tal-Kunsill Lokali.

31.3.8 Ittra mibghuta mill-Imhallef Emeritus Dr Lino Farrugia Sacco *Chairman* – Bord tal-Gvernaturi, Awtorita` tal-Artijiet, illi b'decizjoni tal-Bord Gvernaturi mehuda fis-7 ta' Frar 2018, il-kera tal-fond 'Recreational Site, Triq l-Imgarr, Qala giet riveduta ghall-€1,683.72 fis-sena.

31.3.9 Ittra mibghuta minn Vicky Xuereb Direttur tal-*EcoGozo Regional Development Directorate* fil-Ministeru ghal Ghawdex fejn informat lill-Kunsill li l-applikazzjoni tar-*Restoration Works Scheme for Gozitan Local Councils 2017* fejn il-Kunsill kien applika ghall-Fortizza ta' Sant Antnin mhiex elegibbli ghal fondi peress li bini pubblici jew monumenti li huma devoluti mid-Dipartiment tal-Artijiet lill-Kunsilli Lokali jew kull entita ohra ma jistghux jigu presentati bhala progetti proposti ghal konsiderazzjoni taht din l-iskema.

31.3.10 Ittra mibghuta mill-Iniginier Mark Perez mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma dwar ix-xoghol ta' parti minn Pjazza San Guzepp u fejn il-Kunsill gie mitluba ihallas il-*WSC Civil Works*. Anness inbghatet *estimate BOQ*. Giet mibghuta risposta mill-Kunsill li kull meta sar xi xoghol ta' *resurfacing* mill-Kunsill, il-Kunsill qatt ma gie mitlub ihallas ghall-*WSC Civil Works* u li l-Kunsill mhux f'pozizzjoni li jhallas ta' dawn ix-xogholijiet. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja.

31.3.11 Cirkulari AKL 2018/014 mibghuta mill-President Mario Fava mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, dwar WiFi4EU Sejha ghall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill applika sabiex jippartecipa f'din l-iskema.

31.3.12 Ittra mibghuta mill-President Noel Mizzi mill-*Qala Saints Football Club*, dwar lista ta' xoghlijiet li jehtieg li jsiru fil-*ground* tal-futbal. Il-Kunsill iddiskuta dan u ddecida li ghalissa ma tinghatax ghajnuna peress li bhalissa m'hemmx *ground* minhabba x-xoghlijiet estensivi li qed isiru.

31.3.13 Ittra mibghuta minn John Galea Segretarju fil-Gozo Cycling Club dwar is-2nd Gozo Road Race li ser isir nhar il-Hadd 27 ta' Mejju 2018. Huwa semma li peress li din it-tigrija ser tghaddi mill-lokalita` tal-Qala gie mitlub l-permess tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sabiex din it-tigrija tghaddi mill-lokalita` tal-Qala.

31.3.14 Ittra mibghuta minn Angel Saliba *Scientific Officer* fit-*Tourism and Economic Development Directorate* fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex dwar proposti ghall-attivita '*Gozo Alive*' li qed jippjana li jorganizza l-Ministeru fid-19 ta' Mejju 2018. Il-Kunsill iddecida li ma jiehux sehem peress li dakinhar ser ikun imsiefer.

31.3.15 Ittri mibghuta minn Malcolm Bartolo Monitoring Officer fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar certu manutenzjonijiet li jridu jsiru fil-lokalita`. Dawn huma Case number 124/2017, 125/2017, 372/2017 u 42/2018.

31.3.16 Gie trattat il-pagament ta' Jonathan Bajada dwar l-ispejjes tat-tigrija taz-zwiemel li saret f'Awwissu 2017. Il-Kunsill qabel ma dan il-pagament.

31.3.17 Ittra mibghuta minn Marisa Pisani Direttur (Strategija u Implimentazzjoni ta' Policy) Divizjoni ghal Gvern Lokali dwar ftehim ta' accettazzjoni: Inizjattiva Finanzjarja – *Local Government Culture Fund 2018-2020* (Cirkulari numru 9/2017 – it-tieni sejha) fejn saret referenza ghall-applikazzjoni tal-Kunsill u li l-Kunsill li ser jinghata s-somma ta' €8,000 ghall-*Qala International Folk Festival 2018*.

31.3.18 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lid-Direttur Matthew Pisani *Strategy and Support Department* fl-Ministeru ghall-Edukazzjoni u Impjieg dwar *claim* ghal *grant* ghall-*Qala International Folk Festival* 2017.

31.3.19 Is-Sindku semma li saret applikazzjoni mal-ERA sabiex tkun tista` tigi ttrimmjatha harruba fi Triq Wied Simar, li harget ghat-triq, din sabiex tkun tista` tigi *trimmed* bid-dritt il-linja tat-triq.

31.3.20 Is-Sindku semma li saru xi manutenzjonijiet fil-gnien tal-Belvedere. Huwa semma wkoll li l-Ministeru ghal Ghawdex ser jaghtuna l-pjanti sabiex jigu mhawwla f'dan il-gnien.

31.3.21 Is-Sindku semma li l-arlogg li kien jinsab fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg tqaccat. Huwa semma li hadu l-Kajselli sabiex jittranga imma tal-Kajselli informawh li ma jistghux jirrangawh. Dan l-arlogg ghadu ghand il-Kajselli. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li kieku sew li jittranga. Is-Sindku semma li l-Kajselli qalu li jista` jkun ta' periklu jekk jerga jittranga b' xi mod ghax jista` jerga jaqgha.

31.3.22 Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva zewg kontijiet wiehed mill-Ufficcju Parrokkjali li jammonta ghal €1,000 ghall-uzu tac-Centru, z-zuntier ecc fil-QIFF 2017 u kont iehor minghand l-Ghaqda Briju San Guzepp li jammonta ghal €1,100 ghall-preparamenti tal-ikel waqt il-QIFF 2017. Saret diskussjoni dwar dawn il-kontijiet u gie deciz li jithallsu u li darba ohra ghandu jkun hemm ftehim maghhom kif ukoll stima minn qabel. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li dan kollu jrid jsir waqt laqgha tal-Kunsill.

31.3.23 Is-Sindku semma li qed tidher ix-xibka tal-bejt ta' parti mill-veranda ta' barra li jaghti ghall-ufficcini tal-Kunsill. Huwa semma li dan ser jittranga.

31.3.24 Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva xi kontijiet li gew ippreparati mill-Perit Edward Scerri ghal xi xogholijiet ohra li kienu saru fil-Fortizza ta' Sant Antnin minn Anthony Caruana. Il-Kunsill qabel li ghandhom jithallsu dawn il-kontijiet.

31.3.25 Gie trattat il-kont bin-numru 2213 datat 26 ta' Marzu 2018 li jammonta ghal €13,014.16 li Gatt Tarmac Ltd bghat lill-Kunsill ghal xoghol ta' *major patching* ta' parti minn Pjazza San Guzepp. Il-Kunsill qabel ma dan il-kont. Gie msemmi li l-Kunsill ircieva kont iehor minghand Gatt Tarmac Ltd ta' xi xoghol *extra* li sar inkonnessjoni ma dan l-istess xoghol. Il-Kunsill iddecida Ii dan il-kont ghandu jigu diskuss fl-laqgha ohra tal-Kunsill.

31.3.26 Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa dwar meta ser isiru CCTV's fi Triq il-Wileg. Is-Sindku semma li talab ghal xi stimi imma hadd ghadu ma bghat. Huwa qal li ser jitlob ukoll stima minghand Josef Mizzi.

31.3.27 Giet mqassma lill-membri kollha lista bir-responsabilitajiet tas-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillieri. Il-Kunsill qabel ma din il-lista. Kopja ta' din il-lista giet annessa ma dawn il-minuti.

31.3.28 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-13 ta' Jannar 2018 sas-27 ta' Marzu 2018 minn referenza numru 13/18 sa referenza numru 51/18 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 2/18 sa referenza numru 21/18 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

## 31.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

31.4.1 Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li ghadhom ma gewx misbuha l-fanali li hemm fi 'Gnien il-Familja'. Is-Sindku semma li bhalissa l-haddiema qeghdin jisbhu l-fanali fejn hemm il-monument ta' Anton Buttigieg u malli jehilsu minn hemm ser imorru 'Gnien il-Familja'.

31.4.2 Il-Vici Sindku Jesmond Borg staqsa dwar x'Avukat gie mqabbad ghall-kaz ta' qorti li l-Kunsill ghandu ma Peter Paul Said. Is-Sindku Paul Buttigieg semma li ser jigi mqabbad l-Avukat Mario Scerri ghal prezz ta' €50.00 kull darba. Il-Vici Sindku Jesmond Borg issuggerixxa li l-Avukata

tal-Kunsill Renata Formosa ghandha tkun prezenti wkoll waqt din il-kawza. Il-Kunsill qabel ma dan.

31.4.3 Il-Vici Sindku Jesmond Borg semma li qed ikun hemm hafna zibel fejn il-*farmhouses* fi Triq it-30 t' Ottubru 1948 u li trid jsir xi haga. Huwa ssuggerixxa li ghandha tintbghat ittra lir-residenti ta' dawn il-*farmhouses*.

31.4.4 Il-Vici Sindku semma li tal-ELC mhumiex qed jigu jiehdu hsieb in-naqra *soft area* li hemm fi Triq is-Salib fejn hemm il-vit u kieku sewwa li jsir dan. Is-Sindku semma li ser jinforma lil tal-ELC dwar dan.

31.4.5 Il-Kunsillier Sammy Curmi ssuggerixxa li ghandu jinqata l-haxix li hemm fl-*area* ta' madwar il-gebla l-wieqfa. Is-Sindku semma li ser jikkuntatja lil tal-ELC dwar dan ukoll.

## 31.5 Installazzjoni ta' *camera's* fejn il-*Bring in Site*.

31.5.1 Is-Sindku semma li l-GreenPak ser jaghtuna CCTV u din ser titwahhal fejn il-*Bring in Site*. Giet trattata ittra mibghuta minn Daniel Tabone mill-GreenPak dwar din l-ghotja. Is-Sindku semma li talab stima minghand Joseph Michael Cefai kif ukoll ser jitlob stima minghand xi kumpaniji ohra.

## 31.6 Gemellagg ma Canale Monterano.

31.6.1 Il-Kunsillier Paul Buttigieg ipprepara ftehim ta' gemellagg sabiex jigi ffirmat mal-Canale Monterano. Huwa ta spejgazzjoni ta' dan il-ftehim. Il-Kunsill qabel ma dan il-ftehim. Il-Kunsill ircieva ittra minghand is-Sindku Dott Alessandro Betarelli dwar iz-zjarja ta' delegazzjoni ta' bejn 5 u 6 persuni minn Canale Monterano fil-Qala. Id-dati ta' din iz-zjara huma mid-29 t'April sal-1 ta' Mejju 2018. Il-Kunsill iddiskuta li l-akkomodazzjoni ghandu jkun jew l-ITS jew l-Grand Hotel. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-Kunsill gie mistieden sabiex jaghmel zjara jew mid-19 sal-21 ta' Mejju 2018 jew mit-18 sal-20 ta' Mejju 2018. Il-Kunsill qabel li ghandha jsir zjara.

## 31.7 Attivitajiet ta' gemellagg mal-Kunsill Lokali Marsaskala.

31.7.1 Is-Sindku semma li kellu xi kuntatti mal-Kunsill Lokali Marsaskala u li xi darba ghandha tigi iffissata data sabiex il-Kunsill jiltaqgha maghhom Malta.

## 31.8 Hatra ta' Borg tal-evalwazzjoni ghall-ghazla tal-offerti ghal xoghol ta' *scarifying* u asphaltar ta' parti minn Triq ta' Kassja u Triq gdida fi Triq il-Mithna.

31.8.1 Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li issa l-Bord tal-Evalwazzjoni jrid ikun maghmul minn *Chairman*, Segretarju, Accountant, Avukat u Perit (Il-Perit ma jridx ikun l-istess Perit li jkun fassal xi specifikazzjonijiet ta' offerta li ser jigu diskussi). Hija semmiet li l-Bord tal-Evalwazzjoni ghall-ghazla tal-offerti ghal xoghol ta' *scarifying* u asphaltar ta' parti minn Triq ta' Kassja u Triq gdida fi Triq il-Mithna ghandu jkun kif gej: ic-*Chairman* ghandu jkun William Sultana, Segretarju tkun hija stess u l-*Accountant*, Avukat u Perit ghandhom jkunu tal-Kunsill

stess, jigifieri John Buttigieg, Dr Renata Formosa u Edward Scerri rispettivament Il-Kunsill qabel ma dan.

**31.9 Approvazzjoni tar-rapport u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja li ghalqet 31 ta' Dicembru 2017.**

31.9.1 Gie trattat ir-rapport u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja li ghalqet 31 ta' Dicembru 2017. Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport u l-*financial statements.*

**31.10 Approvazzjoni tal-*Annual Budget* (l-Estimi tad-dhul u tal-infiq) ghas-sena finanzjarja 2018.**

31.10.1 Tqassmu lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri kopji tad-*draft* ta' l-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u tal-infiq) ghas-sena finanzjarja 2018. Is-Segretarja tat spejgazzjoni tieghu. Wara dan il-Kunsill unanimament approva l-*Annual Budget* (l-estimi) ghas-sena finanzjarja 2018.

**31.11 Approvazzjoni tal-Business Plan 2018-2020.**

31.11.1 Tqassmu lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri lista tax-xogholijiet u progetti li behsiebu jaghmel il-Kunsill minn 2018-2020. Is-Segretarja tat spejgazzjoni ta' din il-lista. Wara dan, il-Kunsill unanimament approva din il-lista.

**31.12 *Gazebo* li hemm fi Gnien ta' Rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr.**

31.12.1 Is-Sindku semma li ser isiru xi toqob sabiex isir *base* sewwa ghal *gazebo* li hemm fi Gnien ta' Rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr, li kienet tmejjlet. Huwa semma li kien gie kkuntatjat Thomas Zammit minghand minn giet provduta din il-*gazebo* peress li ma tantx ilha imwahhla izda dan ma riedx issewwi minghajr hlas, ried jibghat kont tal-ispejjes. Ghalhekk issa ser isir din il-*base* permezz ta' ghajnuna ta' haddiem li huwa assenjat mal-Kunsill.

**31.13 Passagg tac-Cawl.**

31.13.1 Is-Sindku semma li ser isir passagg bic-cement f'tac-Cawl. Huwa semma li saret applikazzjoni ghal dan ix-xoghol li ser isir mal-Awtorita` tal-Ippjanar.

**31.14 Applikazzjoni tal-*Playing Fields.***

31.14.1 Is-Sindku semma li sar l-manutenzjonijiet li kien hemm bzonn fil-*Playing Fields* mill-haddiema li huma assenjati mal-Kunsill. Dwar is-*safety mats* huwa semma li l-Ministeru ghal Ghawdex ser johorgu sejha ghall-offerti ghall-provvista ta' *safety mats* u ghalhekk is-*safety mats* fil-*playing field* Magistrat Salvu Attard u 'Gnien il-Familja' ser isiru bl-ghajnuna tal-Ministeru. Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa imma meta ser tinhareg din is-sejha u li sewwa jaghtu *timeframe* jew inkella jinxtraw mill-Kunsill u jintuzaw il-fondi mill-*Urban Improvement Fund*. Is-Sindku semma li xhin accetta l-kariga ta' Sindku huwa sab kollox kif inhu illum u li ma sarx f'sebgha snin ma jistax ikun li jsir f'daqqa u li tal-*Urban Improvement Funds* huma hemm ghall-progetti ohra. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li ahjar jittrangaw l-progetti li ghandna qabel

ma jinbdew ohrajn godda. Is-Sindku semma li ser tinhareg sejha ghall-offerti mill-Kunsill ghall-provvista ta' bandli u li l-Perit qed jipprepara l-ispecifikazzjonijiet. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li forsi sa laqgha ohra tal-Kunsill naraw l-offerti tal-provvista tal-bandli. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-pannelli lanqas qeghdin jahdmu. Is-Sindku semma li ser isir laqgha mal-Qala Saints Football Club u mal-Perit dwar dan.

31.15 Titqabbad persuna ghall-applikazzjonijiet tal-fondi Ewropej.

31.15.1 Is-Sindku semma li ser jigi ppreparat abbozz tad-dokument sabiex tigi mqabbda persuna li tiehu hsieb applikazzjonijiet tal-fondi mill-Unjoni Ewropea mill-bidu sal-ahhar tal-progett. Wara li jkun lest dan id-dokument ser tinhareg sejha.

31.16 *REFAB bins* ghall-hwejjeg – post fejn ser jitpoggew.

31.16.1 Is-Sindku semma li l-*REFAB bins* ghall-hwejjeg ser jitpoggew fil-*bring in site* fi Triq ta' Kassja.

31.17 *Qala Folk Museum.*

31.17.1 Is-Sindku semma li t-tifla tieghu lesta li tibda tiehu hsieb l-*Qala Folk Museum* b'mod volontarju. Huwa semma li forsi minn zmien ghal zmien jibdew isiru esibizzjonijiet tal-artigjanat go fih. Gie diskuss li ghandhom jsiru sett ta' *guidelines* ghal meta jkunu ser isiru xi esibizzjonijiet.

31.18 *Traffic Management* fi Triq Cini.

31.18.1 Giet diskussa it-*traffic management junction* ta' Triq il-Mithna, Triq in-Nadur, Triq San Guzepp u Triq il-Qala. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecida li ghandha ticcekken ic-*central strip* u ghalhekk ser tinghata lil Perit sabiex jirrangaha.

31.19 *Seminar Organic Farming.*

31.19.1 Is-Sindku semma li s-*Seminar* tal-*Organic Farming* intlaqa` tajjeb. Huwa li l-ispejjes inhargu mill-Ministeru ghal Ghawdex u li l-Kunsill ma harigx ebda spejjes hlief xi €50 tal-ispejjes tal-ispeakers talli gew minn Malta.

31.20 *Qala International Folk Festival* 2018.

31.20.1 Is-Sindku semma li ghandna ma sibniex gruppi folkloristici sabiex jiehdu sehem fil-*Qala International Folk Festival* 2018. Kien hemm xi grupp folkloristiku minn Belarus izda dawn riedu jigu Ghawdex ghal xi gimgha shiha. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Dar l-Arka ghall-booking bejn il-21 u t-23 ta' Settembru 2018. Il-Vici Sindku Jesmond Borg semma li l-ITS hija booked sal-Gimgha 21 ta' Settembru filghodu u tkun vakanti wara nofs in-nhar jigifieri l-grupp li jigi jrid jidhol wara nofs inhar. Is-Sindku ssuggerixxa li ghandhom jsiru stall bl-ikel Malta flok l-ikla tradizzjonali peress li l-ikla fiha hafna xoghol. Gie deciz li dan jigi diskuss aktar il-quddiem.

## 31.21 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

31.21.1 Ma kienx hemm skeda ta' pagamenti ghall-approvazzjoni.

## 31.22 Mozzjonijiet.

31.22.1 Ma kien hemm ebda mozzjonijiet.

## 31.23 Tmien tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

31.23.1 Il-laqgha ntemmet fl-8:45 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 16 t'April 2018, fis-6:00 ta' filghaxija.

Konfermati, illum 4 ta' Lulju 2018.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg<br>Sindku | Marcia Borg<br>Segretarju Ezekuttiv |